

Brussell, 20 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10767/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0167(NLE)

RESUA 19
FIN 914
ECOFIN 846
ELARG 109
COEST 494
DEVGEN 108
UA PLATFORM 19

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 dwar l-approvazzjoni tal-
valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(2)
tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (il-“Pjan”) mill-Ukrajna fl-20 ta’ Marzu 2024, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva bid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447².
- (2) Mill-approvazzjoni tal-Pjan mill-Kunsill ’il hawn u f’konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament (UE) 2024/792, ġiet żborżata somma ta’ EUR 6 000 000 000 lill-Ukrajna bħala finanzjament tranżitorju eċċezzjonali, u ġiet żborżata somma ta’ EUR 1 890 000 000 lill-Ukrajna fil-forma ta’ prefinanzjament li jirrappreżenta pagament avvanzat ta’ 7 % tal-appoġġ fil-forma ta’ self li l-Ukrajna hija eliġibbli li tirċievi skont il-Pjan. Ġiet żborżata somma addizzjonali ta’ EUR 21 640 176 104 lill-Ukrajna fl-ewwel seba’ pagamenti parzjali skont il-Pjan, skont l-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (3) Fl-24 ta’ Frar 2026, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2026/467³ li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tas-Self ta’ Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027.

² Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1447 tal-14 ta’ Mejju 2024 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/1447, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1447/oj).

³ Ir-Regolament (UE) 2026/467 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Frar 2026 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tas-Self ta’ Appoġġ għall-Ukrajna għall-2026 u l-2027 (ĠU L, 2026/467, 26.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/467/oj>).

- (4) F'konformità mar-Regolament (UE) 2026/467, u bis-saħħa tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919⁴, assistenza sa EUR 45 000 000 000 ntgħamlet aċċessibbli biex tassisti fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna. Jenħtieġ li dik l-assistenza tkopri l-bżonnijiet ta' finanzjament identifikati mill-Ukrajna f'dik l-Istrateġija għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2026.
- (5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/919 tistabbilixxi ammont sa EUR 8 350 000 000 għall-assistenza baġitarja fil-forma ta' self li għandu jiġi implimentat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (6) Fit-12 ta' Ġunju 2026, wara li kkonsultat lill-Verkhovna Rada, l-Ukrajna pproponiet emendi għall-Pjan skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2024/792 (l-“emendi proposti”) għar-raġuni li parti mill-Pjan ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. L-emendi proposti jqisu l-ammonti addizzjonali disponibbli mis-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2026/919 tat-23 ta' April 2026 li tapprova l-assistenza lill-Ukrajna fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna (ĠU L, 2026/919, 23.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/919/oj).

- (7) L-emendi proposti jikkonċernaw 34 mill-146 pass kwalitattiv u kwantitattiv stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 u huma relatati ma' passi li għandhom jiġu implimentati bejn Q1 2026 u Q4 2027. Għal 12 minn dawk il-passi, l-Ukrajna pproponiet li l-iskadenza inizjali tiġi estiża abbażi tal-fatt li l-implimentazzjoni tar-riformi korrispondenti kienet teħtieġ aktar żmien milli kien antiċipat inizjalment u, b'mod partikolari fir-rigward ta' riformi li jeħtieġu leġiżlazzjoni primarja, sabiex tippermetti li tingħata prijorità lil riformi aktar urġenti. Id-deskrizzjoni ta' sitt passi ta' riforma ġiet emendata biex jiġu kkoreġuti żbalji klerikali fil-formulazzjoni u biex jiġi kkalibrat mill-ġdid il-fokus ta' dawn ir-riformi. Id-deskrizzjoni jew l-allokazzjoni ta' ħames passi ta' investiment ġiet emendata biex tirrifletti l-bidliet fiċ-ċirkostanzi fuq il-post li jirriżultaw mill-kontinwazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Żewġ passi nqasmu kull wieħed f'żewġ passi oħra sabiex jiġi ċċarat il-kontenut u s-sekwenzjar ta' dawk ir-riformi. Żewġ passi tħassru u ġew sostitwiti b'passi ta' riforma ġodda li jbiddu b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk ir-riformi. Pass wieħed tħassar, peress li mhuwiex marbut aktar mal-*acquis* tal-Unjoni u mhuwiex meqjus aktar bħala prijorità mill-Ukrajna. Barra minn hekk, it-tħassir ta' dawk il-passi tqies meħtieġ biex ikun jista' jsir xogħol leġislattiv li jiffoka fuq ir-riformi meqjusa bħala prijorità oġġla. Fl-aħħar nett, il-passi kollha skedati fi Q4 2027 tressqu 'l quddiem għal Q3 2027 biex jirriflettu l-ħtieġa li l-Ukrajna tippreżenta l-aħħar talba għall-pagament finali skont il-Pjan fi stadju aktar bikri, u b'hekk l-iżborż finali skont il-Faċilità għall-Ukrajna jkun jista' jsir sal-31 ta' Diċembru 2027.

- (8) L-emendi proposti jinkludu wkoll l-introduzzjoni ta' 27 pass kwalitattiv u kwantitattiv ġdid, li 10 minnhom jeħtieġu emendi għal-leġiżlazzjoni primarja. Kif imfakkar fil-premessa 23 tar-Regolament (UE) 2026/467, jenħtieġ li l-Pjan jiġi aġġornat biex jirrifletti dik l-assistenza baġitarja addizzjonali. Peress li dik l-assistenza baġitarja addizzjonali tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament identifikati mill-Ukrajna fl-Istrateġija għall-Finanzjament tal-Ukrajna għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2026, l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-passi addizzjonali qed tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2026.

- (9) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, il-komprensività u l-adegwatezza tal-emendi proposti. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni kemm jista' jkun aġixxiet f'kooperazzjoni mal-Ukrajna. Il-Kummissjoni vvalutat b'mod partikolari jekk l-emendi proposti jirrappreżentawx rispons ibbażat fuq il-ħtiġijiet, u huwiex komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għall-oġġettivi tal-Faċilità għall-Ukrajna, jekk jikkontribwixxux għall-isfidi rilevanti identifikati fil-kuntest tal-perkors tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-Unjoni, jekk humiex konsistenti magħhom, jekk humiex konsistenti mal-prinċipji ġenerali tal-Faċilità għall-Ukrajna stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/792, u jekk jissodisfawx il-ħtiġijiet ta' rkupru, rikostruzzjoni u modernizzazzjoni tal-Ukrajna. L-emendi proposti jżommu l-ambizzjoni tal-Pjan li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, għall-promozzjoni tal-istat tad-dritt, għall-oġġettivi soċjali u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. L-emendi proposti ma jaffettwawx l-arranġamenti attwali għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni vvalutat jekk il-Verkhovna Rada ġietx ikkonsultata kif xieraq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali tal-Ukrajna, jekk l-emendi proposti jqisux, fejn xieraq, l-inputs tal-partijiet ikkonċernati, u jekk l-emendi proposti jiżgurawx li donaturi oħra jkunu jistgħu jappoġġaw l-oġġettivi tal-Pjan.

- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi proposti ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-Pjan stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 fir-rigward tar-rilevanza, il-komprensività u l-adegwatezza tal-Pjan. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18(3), il-punti (a) sa (l), tar-Regolament (UE) 2024/792.
- (11) Skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) 2024/792, il-Kummissjoni tqis li l-emendi proposti huma ġġustifikati.
- (12) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-passi l-ġodda fil-Pjan. Dawk il-passi l-ġodda għandhom bħala mira li jsaħħu l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, filwaqt li javvanzaw ukoll ir-riformi f'oqsma rilevanti għall-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni, inkluż is-settur tal-enerġija u l-integrazzjoni gradwali tas-suq.
- (13) Konsegwentement, l-għadd totali ta' passi fil-Pjan ser jiżdied għal 173.
- (14) Wara li waslet it-tieni kontribuzzjoni addizzjonali ta' SEK 2 000 000 000 imsemmija fl-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447, il-valur finali ta' dik il-kontribuzzjoni f'euro ġie determinat fuq il-bażi tar-rata tal-kambju applikabbli fil-mument tat-trasferiment. Sabiex jiġi rifless dak il-valur finali, huwa xieraq li l-ammonti stabbiliti fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġu aġġustati.

- (15) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 tiġi emendata kif xieraq.
- (16) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1447 hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2024/792, hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment deskritti fil-Pjan għall-Ukrajna emendat, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, inkluż l-istadji kwalitattivi u kwantitattivi, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, fejn applikabbli, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jingħataw aċċess sħiħ għad-dokumenti u d-data sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

- (2) l-Anness huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
